10 ta' Diċembru, 1951.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Rikors ta' Nutar Dr. Antonio Galea

*versus*

Onor. Louis Galea, LL.D., ne.

**Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Notarili — Kitba taż-Żwieġ — Dota — Prattika tan-Nutari — Art. 50 (1) (e) tal-Kap. 92.**

*In-nutar li jirċievi att ta' kitba taż-żwieġ jew ta' kostituzzjoni ta' dota għandu l-obligu li, fi żmien ħmistax-il ġurnata, jagħti nota tiegħu lid-Direttur tar-Reġistru Publiku biex tiġi nsinwata; liema nota, fost affarijiet oħra, irid ikun fiha deskrizzjoni bir-reqqa tal-ħwejjeġ li fuqhom ikun l-att u tal-valur tagħhom, meta dan il-valur jista' jiġi determinat mill-att.*

*Il-liġi ma tagħmel ebda distinzjoni; u għalhekk dana l-obligu tan-nutar, li jagħmel din id-deskrizzjoni bir-reqqa fin-nota ta' l-insinwazzjoni, ma jiġix nieqes billi l-oġġett tad-dota jkun jikkonsisti f'effetti mobili u mhux fi stabili, jew billi l-għarusa tkun id-dotat lilha nfisha u mhux tkun ġiet lilha kostitwita dota minn ħadd ieħor.*

*Prattika tan-nutari ma tiswiex meta tkun kontra dispost espress tal-liġi.*

Il-Qorti. — Rat ir-rikors tan-Nutar Dottor Antonio Galea, li, wara li espona illi fin-nota ta' l-insinwazzjoni relativa għall-att nru. 121 tas-sena 1950 l-esponent ma indikax li l-għarusa Dolores sive Doris Bondì ġiebet b'dota mill-beni tagħha oġġetti mobili tal-valur ta' £1500, u l-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Notarili, b'digriet tas-26 ta' Ġunju 1951, irriteniet illi dana mhux konformi għall-art. 50 (1) (e) tal-Kap. 92 tal-LL. ta' Malta, u kkundannat l-esponent għall-ammenda ta' 2s. 6d. u imponietlu t-terminu ta' ħmistax-il ġurnata sabiex joftempera ruħu mal-liġi; illi l-aggravju huwa evidenti; illi l-art. 50 (1) (e) fuq imsemmi jimponi l-obligu ta' l-insinwazzjoni tal-konvenzjonijiet matrimonjali, u ma jobligax l-indikazzjoni fin-nota ta' l-insinwazzjoni ta' dota konsistenti f'effetti mobili, li tiġi indikata biss fin-nota ta' l-ipoteka legali; illi dan jiġri wisq iżjed fil-każ preżenti, għar-

raġuni li l-għarusa ddotat lilha nnifisha, u għaldaqstant ma timportax donazzjoni, imma biss kambjament tan-natura tal-beni; illi din hija, u kienet, il-prattika kostanti tan-nutari; u talab ir-revoka ta' l-imsemmi digriet limitatament għall-imsemmija kundanna. Bl-ispejjeż kontra l-Attorney General;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi b'deċiżjoni tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Notarili, mogħtija fil-25 ta' Ġunju 1951 (fol. 3), l-appellant ġie kundannat għall-ammenda ta' 2s. 6d., bl-obligu li fi ħmistax-il ġurnata jottempera mal-liġi, billi fl-att nru. 121, pag. 888, skritta nuzjali, kuntrarjament għal dak li jrid l-art. 50 (1) (e) tal-Kap. 92, ma niżżelx fin-noti ta' l-insinwa, preżentati fir-Reġistru Pubbliku tant ta' Malta kemm ta' Għawdex, anki li l-għarusa Dolores, magħrufa bħala Doris Bondì, ġiebet bħala dota mill-beni tagħha proprji oġġetti mobili u flus tal-valur ta' £1500. L-appellant ma jinnegax dak in-nuqqas konstatat mill-imsemmija Qorti tar-Reviżjoni, anzi jammettih, u jipprova jiġġustifikah għal dawn ir-raġunijiet:— (a) għaliex l-artikolu tal-liġi fuq imsemmi ma jimponix l-indikazzjoni fin-nota ta' l-insinwazzjoni ta' dota konsistenti f'effetti mobili; (b) għaliex f'dan il-każ l-għarusa ddotat lilha nnifisha, u għalhekk ma kienx hemm donazzjoni, imma biss kambjament tan-natura tal-beni; (c) li din hija u kienet il-prattika kostanti tan-nutari;

Ikkunsidrat;

Illi fl-art. 50 (1) (e) fuq imsemmi jinsab stabbilit l-obligu tan-nutar li, fiż-żmien ta' ħmistax-il ġurnata mid-data ta' l-att, jagħti lid-Direttur tar-Reġistru Publiku nota "ta' kitbiet taż-żwieġ, ta' kostituzzjoni ta' dota, eċċ." Fis-sotto-sezzjoni 2 ta' l-istess artikolu jingħad li n-nota fuq imsemmija għandu jkun fiha d-data u x-xorta ta' l-att, l-ismijiet tal-partijiet bil-partikolaritajiet kif jingħad fil-paragrafu (c) tas-sub-artikolu (1) ta' l-art. 28, u deskrizzjoni bir-reqqa tal-ħwejjeġ li fuqhom ikun l-att, kif jingħad fil-paragrafu (f) ta' l-imsemmi sub-artikolu (1) ta' l-art. 28, kif ukoll, fil-każ li fih il-valur jista' jiġi determinat, l-indikazzjoni ta' dak il-valur. Mid-dispożizzjonijiet tal-liġi fuq ċitati jirriżulta evidenti l-obligu tan-nutar li meta jirċievi att ta' kitba taż-

żwieġ, jew ta' kostitwzzjoni ta' dota bħal ma huwa dak in kwistjoni, huwa għandu, fi żmien ħmistax-il ġurnata, jagħti nota tiegħu lid-Direttur tar-Reġistru Publiku; u dik in-nota, fost partikularitajiet oħra, irid ikun fiha deskrizzjoni bir-reqqa tal-ħwejjeġ li fuqhom ikun l-att u tal-valur, meta dan ikun jista' jiġi determinat mill-att. *Din id-deskrizzjoni, imposta mil-liġi*, l-appellant naqas li jagħmilha, u għalhekk il-kundanna lilu inflitta mill-Qorti tar-Reviżjoni tistħoqqlu. Id-distinzjoni li l-appellant, biex jiġġustifika l-operat tiegħu, ipprova jagħmel bejn dota konsistenti fi stabili u dota konsistenti f'effetti mobili, u dota kostitwita mill-għarusa lilha nnifisha u dik lilha kostitwita minn ħadd ieħor, mhix aċċettabili; għaliex dawk id-distinzjonijiet mhumiex sorretti u ma jirriżultawx mill-liġi; u huwa prinċipju magħruf ta' l-ermenewtika legali li "ubi lex non distinguit nec nos distinguere debemus". Kwantu għall-allegata prattika kostanti tan-nutari, ma tirriżultax; u anki kieku, mhix ammissibili kontra dispożizzjoni espressa tal-liġi;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma fil-kap devolut lil din il-Qorti l-imsemmija deċiżjoni, mogħtija mill-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Notarili, fil-25 ta' Ġunju 1951; bl-ispejjeż kontra l-appellant Dottir Antonio Galea; b'dana li però li t-terminu ta' ħmistax-il ġurnata b'dik id-deċiżjoni impost, għandu jibda jgħaddi mil-lum.